**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

**20 ta' Frar 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |
| Corinne Buhagiar - | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

| | |
|---|---|
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 11 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **11.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **11.01.01** | Is-Sur Anthony Bonavia bagħat ittra ta' appoloġija sabiex ikun skużat minn din il-laqgħa datata 20 ta' Frar 2025. |
| **11.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 11.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 11/2025, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard u ġew issekondati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **11.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 11.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera d-dekasteri għal-kunsilliera peress li reġa irreveda d-dekasteri issa li ingħaqad is-Sur Keith Galea bħala kunsillier tal-Isla.<br><br>Responsabiltajiet tad-dekasteri lill-kunsilliera:<br><br>Sindku - Clive Pulis : Infrastruttura, Proġetti, Anzjani, Żgħażagħ u t-tfal, Senglea Crafts Group<br><br>Viċi Sindku - Anthony Bonavia : L-Innovazzjoni, Ħarsien tal-annimali, Indafa<br><br>Kunsillier – Malcolm Gatt : Ambjent u Fondi Ewropej<br><br>Kunsilliera – Joeline Attard : Integrazzjoni Soċjali, Persuni Vulnerabli, Ġemelaġġi u Edukazzjoni<br><br>Kunsillier – Keith Galea : Kultura, Sports u attivitajiet fiżiċi u komunitajiet<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dawn id-dekasteri. |
| 11.03.02 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar imejl fejn il-Kuleġġ Santa Margerita Bormla ser tiċċelebra Jum il-premjazzjoni sabiex is-Sindku jew rappreżentant tal-kunsill ikun preżenti fl-14 ta' Marzu 2025 fis- |

| | |
|---|---|
| | 6:00pm . Din id-darba ma talbuniex sabiex il-Kunsill jixtri ktieb għal-istudent li jkun ser jieħu l-premju mill-lokal. |
| 11.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti bil-Minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Port Nru 43 / 2025 li ser jintbgħatu b'imejl lil kull kunsillier. |
| 11.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsillier li Dr. Mario Balzan avviċina l-Kunsill tal-Isla sabiex ikun partner mal-Ekostack Innovations Ltd. biex japplikaw għall-proġett ta' studju flimkien. Il-Kunsill tal-Isla bagħat l-aċċetazzjoni ta' ftehim ma Dr. Balzan. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. |
| 11.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-segretarju tal-Kumissjoni Festi Esterni bagħt lis-Sindku sabiex jinżabru s-siġar ta' quddiem il-knisja u l-kunsill bagħat lil Ministeru l-Onor. Miriam Dalli sabiex ikunu jistgħu jinżabru minn Project Green fit- 28 ta' Jannar 2025 iżda ma għandniex il-ġurnata meta jistgħu jinżabru. |
| 11.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill Lokali applika għall-kmamar ta' fuq il-brigata sabiex jiġu devoluti lil kunsill u b'hekk jiġu ikumplimentati mal-proġett ta' fuq il-Forti San Mikiel. |
| 11.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li qed jitnaddfu is-swar minn naħa tal-iskola primarja u n-naħa ta' Palombo mil-ħaxix ħażin li jitla mas-swar. Ix-xogħol qed issir mir-Restoration and Preservation Department u l-kunsill qed iħallas tal-iskips li qed jimtlew bil-ħaxix ħażin u l-ħaddiema tal-Community workers qed jimlew dawn l-iskips bil-ħaxix ħażin. Ix-xogħol daqt jitlesta. |
| 11.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li daħħal rapport li qed jaqa' xi qiegħ ta' gallarija fir-residenza numru 62 Triq il-Mina tax-Xattt u dan ġie mgħoddi lil puluzija sabiex jieħdu l-prekawzzjonijiet neċċesarji. Hemm blokka wkoll fi Triq il-Vitorja u s-Sindku bagħat lil puluzija wkoll dwar dawn. |
| 11.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li, fi Triq is-Sur ġew tal-WSC bil-cameras sabiex jaraw minn fejn qed jinżel l-ilma fil-kantini tan-nies. Il-culverts huma nodfa u qed jisuspetaw li hemm xi katusi mhux imqabda. Infrastructure Malta inbiddelil-peris u minn għamel ix-xogħol kien is-sub contractor għalhekk irridu jaraw meta jitfgħu l-ilma bil-bowser. |
| 11.03.10 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li fit-23 ta' Jannar 2025 is-sindki tal-Kottonera bag]tu ittra lil Fondazzjoni tal-kottonera sbiex il-fondazjoni toffri 25,000 elf euro għal-festival tal-aħħar tas-sena. Il-Kunsilli lokali tal-kotonera bagħtugħall-permess tal-puluzija għal dan il-festival. Wara din il-laqgħa tat-23 ta' Jannar 2025, is-sindki u s-segretarji eżekuttivi iltaqgħu ma l-Onor. Alison Zerafa Civelli sabiex dan il- |

| | |
|---|---|
| | festival ikun f'idejn il-kunsill. F'din il-laqgħa ġie diskuss li jekk il-flus jinħarġu mill-fondazzjoni kottonera it-tender tinħareġ mill-fondazzjoni kottonera skond kif ikun ġie diskuss u deċiż mis-sindki tal-kottonera. |
| 11.03.11 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li irċieva imejl mill-Infrastructure Malta fejn ġie infurmat li għalkemm il-proġett ma ntgħażilx għall-iskema ta' Vjal Kulħadd, Infrastructure Malta ser tkun qed tevalwa it-twettieq ta' dan il-proġett b'mod separat minn din l-iskema. |
| 11.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fid-19 ta' Frar 2025, is-sindku u s-segretarju eżekuttiv huma mistiedna għall-konferenza minn Horizon Europe ġewwa l-Esplora sabiex jispjegaw wieħed kif jista japplika għal dawn il-fond għall-studju dwar ħames temi eż: klima, oċean, mobilita eċċ. |
| 11.03.13 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li fir-Reġjun Port ġie diskuss sabiex il-Fondazzjoni Kottonera toħroġ fondi għall-BID BOOK fejn il-Birgu f'isem il-kottonera qed jikkompeti mar-Reġjun t' Għawdex għal-Belt tal-Kultura fis-sena 2031. Iżda s'issa ma hemmx ftehim dwar dawn il-fondi sabiex jingħatw għal dan il-għan. Ir-Reġjun Port ħareġ 100,000 ewro sabiex il-Birgu jikkompeti mar-Reġjun t' Għawdex għal dan it-titlu. |
| 11.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill tal-Isla ser iqassam fliers bieb, bieb għall-Karnival fl-Isla li ser issir fit-28 ta' Frar mis-6:00pm sal-11:00pm fi pjazza 4 ta' Settembru. |
| 11.03.15 | Is-sindku informa lil kunsilliera li irċieva imejl minn għand is-Segretarju tar-Regatta Klabb fejn jixtiequ li ssir attivita fil-Pjazza 4 ta' Settembru fit-8 u 9 ta' Marzu sabiex jiġbru fondi għar-regatta club. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 11.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva ittra mill-Project Green datata 29 ta' Jannar 2025 dwar skema ta' Tħaddir madwar Malta u Għawdex iffinanzjata minn Project Green. Il-Kunsilliera qablu unanimament li dan il-proġett għandu jsir fit-Terrace Houses u jiġi iffinanzjat għal-ħames snin. |
| 09.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li kien hemm Christmas Get Together fil-05 ta' Diċembru 2024. Mir-Reġjun Port Ċirkulari Reġjun Port 11/2024. |
| 09.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill tal-Isla ressaq l-espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025. |
| 09.03.19 | Is-Sindku ressaq is-suġġeriment li ġie diskuss fil-bagit 2025 sabiex jinxtara garaxx fl-istess triq tal-kunsill, dan sabiex iservi ta store u fejn jitpoġġa l-van. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandhom issiru l-proċeduri meħtieġa għall-direct order sabiex il-Kunsill tal-Isla jkollu |

| | |
|---|---|
| | dan l-garaxx bħala propjeta tal-kunsill u jkun ta' Assi Kapitali għall-kunsill. |
| | |
| **09.4** | **Mozzjonijiet** |
| | Ma kienx hemm |
| **09.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Ma kienx hemm |
| **09.06** | **Rapporti** |
| 09.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lil kunsilliera kollha dwar ir-rapport tal-Bagit 2025. Wara li ġie diskuss fil-laqgħa pubblika, il-baġit 2025 ġie approvat mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u l-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar. |
| 09.06.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Novembru 2024 u l-petty cash ta' Novembru 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar. |
| **09.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 09.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 12/2024 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **09.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 09.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 27 ta' Marzu 2025

IFFIRMATI_____
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI___________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv